# Beati u Qaddisin...Gunju

**Il-Qalb Imqaddsa ta' Marija**
**25 ta' Gunju**




**1656 - 1680**

Din il-festa giet imwaqqfa fis-sena 1945 bhala rikordju dejjiemi tal-konsagrazzjoni tal-Knisja u ta' l-umanita' kollha lill-Qalb Imqaddsa ta' Marija, minn Papa Piju XII, liema devozzjoni huwa waqqaf fis-sena 1942 meta kwazi n-nazzjonijiet kollha kienu ghaddejjin minn gwerra l-aktar qalila.

Id-devozzjoni lejn il-Qalb ammirabbli ta' Omm Alla hija antika hafna fil-Knisja. Is-Santi Padri u d-Dutturi tal-Knisja kienu ta' spiss jiccelebraw it-tifhir lejn il-Qalb ammirabbli ta' Omm Alla.

Fil-medjuevu din id-devozzjoni helwa kienet revelata lil Santa Matilde u lil Santa Gertrude li hallewha b'tifkira ghalina bil-kitbiet taghhom. San Gwann Battista Eudes (1601 – 1680) kien l-ewwel wiehed li hejja t-triq liturgika ghall-Qalb Purissima ta' Marija, meta huwa stess ikkompona l-quddiesa u l-Uffizzju Divin.

U bhala wirt halla din id-devozzjoni lill-familja religjuza tieghu: il-Kongregazzjoni tas-Sinjura tal-Karita' u dik ta' Gesu' u Marija. Fuq din id-devozzjoni huwa kiteb trattat prezzjuz hafna jismu -Il-Qalb Ammirabbli tas-Santissma Omma Alla.

Id-devozzjoni baqghet tikber flimkien ma' dik tal-Qalb ta' Gesu' u mis-seklu XVII 'l quddiem, hafna familji religjuzi ddedikaw lilhom infushom b'mod specjali, lill Marija Ssma biex jonoraw lil din il-Qalb li tant thobb.

Fis-seklu li ghadda d-devozzjoni lejn il-medalja mirakoluza li fuq wara iggib iz-zewgt iqlub ta' Gesu' u Marija, kienet ta' spinta 'l quddiem lejn il-karattru tat-tpattija, li din id-devozzjoni ghandha tiehu, specjalment wara r-revelazzjonijiet ta' Fatima.

Infatti l-Vergni Ssma meta dehret lit-tlett rghajja qaltilhom: "Ghas-salvazzjoni tal- midimbin Alla jrid li titwaqqaf id-devozzjoni lejn il-Qalb Immakulata tieghi u jekk taghmlu kif ghidtilkom hafna midimbin isalvaw."

U talbet biex isir it-talb: ir-Ruzarju ta' kuljum, Tqarbina ta' Tpattija fl-ewwel Sibt tax-xahar, penitenza, ir-rassenjazzjoni lejn is-slaleb li Alla jibghatilna, sagrificcji volontarji u anke mortifikazzjoni minn pjaciri anke dawk leciti……

Hija stess ghallmitna din it-talba: "O Mulej ghal l-imhabba tieghek, ghall-konverzjoni tal-midimbin u bi tpattija ghal insulti lejn il-Qalb Immakulata ta' Marija jiena noffri dan………………"

Kemm hija ghall-Qalb ta' Marija Ssma l-konsagrazzjoni taghna nfusna u tad-dinja kollha.

Nota: din hija celebrazzjoni li timxi ma' zmien l-Ghid, hekk li din is-sena se tkun iccelebrata fil-25 ta' Gunju u s-sena d-diehla 2023 tahbat fis-17 ta' Gunju.

KOPJA TAL-KONSAGRAZZJONI LEJN IL-QALB IMMAKULATA TA' MARIJA.



O Qalb bla tebgħa ta' Marija, mixħutin f'riġlejk nikkonsagraw lilna nfusna lilek. Nifhmu li nikkonsagrawlek dak kollu li aħna u dak kollu li għandna mingħajr ebda riserva.

Nikkonsagrawlek speċjalment il-missjoni li Ġesu' Ibnek għoġbu jagħżilna għaliha, il-missjoni li nitolbu, ngħinu u nsofru għall-erwieħ saċerdotali, li huma l-erwieħ prediletti ta' Ġesu' u tiegħek.

Inti taf biżżejjed, O Marija, liema delikatezza u liema ġenerożita' titlob minna missjoni bħal din. Imma aħna żguri mill-għajnuna tal-patroċinju tiegħek u għalhekk aħna nirrikorru lejk u f'idejk nerħu l-qadi tal-missjoni tagħna.

O Marija, din il-missjoni ma nistgħux naqduha sewwa mingħajr ma jkollna intimita' kbira ma' Ġesu' Saċerdot

Etern u l-ewwel saċerdot. Ressaqna għalhekk dejjem izjed lejn il-Qalb adorabbli tiegħu biex jagħmilna erwieħ tal-Ġetsemani, erwieħ li nkunu nafu nitolbu u nsofru.

Żvojta l-qalb tagħna minn kull imħabba li mhix ta' Ġesu', biex nimlewha bih. Rażżan l-amor proprju tagħna, ippurifika l-intenzjonijiet tagħna u agħmel fuq kollox li r-relazzjonijiet tagħna mas-saċerdoti ta' Ġesu' Ibnek ikunu kollha kemm huma spiritwali u sopranaturali.

Aċċetta, O Marija, din il-konsagrazzjoni tagħna lilek u nitolbuk biex waqt it-tqarbin tressaqna inti stess quddiem it-tron tal-lben tiegħek Ġesu'. F'ġieħ l-istess Kristu Sidna. Ammen.